MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH CASSAR

Seduta tat-23 ta' Marzu, 2006

Rikors Numru. 46/2005/1

Rikors Nru: 46/2005

Stoneland Limited (C 9613)

-vs-

Ali Eia Ezabe (ID 69796M) f’ ismhu propju u ghan- nom u in rapprezentanza tas- socjeta North Sea Fibreglass Limited (C 17640)

Il- Bord,

Ra r- rikors ta’ Stoneland Limited fejn tesponi bir-rispett:

Illi s- socjeta esponenti tikri lill- intimat il- fond minghajr numru ufficjali mibni fuq il- plot numru 13 fi triq gdida li tizbokka fi Sqaq il- Ghadam, Mriehel limiti ta’ Hal Qormi u f’ dana il- perjodu bil- kera ta’ tlett elef lira Maltin (Lm 3000) fis- sena pagabbli tlett xhur bil- quddiem;

Illi l- iskadenza ta’ kera li tmiss hija fil- 15 ta’ Awissu 2005;

Illi l- intimat jinsab morus fil- pagament tal- kera ghal- perjodu bejn il- 15 ta’ Mejju 2000 sal- 14 ta’ Awissu 2005;

Illi l- intimat ma huwiex qed jaghmel uzu mill- fond tant illi dana l- istess fond ilu maghluq ghal perjodu konsiderevoli u ghalhekk gie li biddel id- destinazzjoni tal- fond;

Ra li l- intimat fil- kwalita’ tieghu premessa la ressaq twegiba u lanqas deher ghas- seduta ta’ llum minkejja li kien notifikat.

Ra l- atti u d- dokumenti kollha.

Sema x- xhieda bil- gurament.

Ra l- artikolu 30 tal- Kap 69 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Jilqa’ t- talba tas- socjeta’ rikorrenti u jawtorizzaha terga tieghu f’ idejha l- fond minghajr numru ufficjali mibni fuq il- plot numru 13 fi triq gdida li tizbokka fi Sqaq il-Ghadam, Mriehel; ghal ghan ta’ tkeccija jaghti xahar zmien m’ illum; l- ispejjez jithallsu mill- intimat propio et nomine.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------